

31996R0847

L 115/3

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.5.1996

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 847/96****tas-6 ta' Mejju 1996****li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Billi, barra mid-dispożizzjonijiet mniżżlin fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3760/92 tal-20 ta' Diċembru 1992 li jwaqqaf sistema Komunitarja għas-sajd u l-akwakultura <sup>(3)</sup>, hemm bżonn li jitniżżlu kondizzjonijiet għat-komplija ta' attivitajiet ta' sfruttament li għandhom itejbu l-mekkaniżmi li huma preżentament disponibbli bl-introduzzjoni tal-flessibilità xierqa minn sena għal sena fit-tmexxija tal-qabdiet totali permessi (TAC) u l-kwoti li, f'ċerti limiti, huma kumpatibbli mal-politiki ta' konservazzjoni;

Billi, bis-saħħa ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 3760/92, huwa l-Kunsill li jstabbilixxi d-disponibbiltajiet tas-sajd li għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri u sabiex jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aġġustament ta' dawk id-disponibbiltajiet minn sena għal dik li tmiss;

Billi hemm bżonn li l-ħażniet soġġetti għal TAC prekawzjonali jew analitiċi jiġu definiti;

Billi hemm bżonn li jiġu definiti, qabdiet mniżżla l-art permessi minn ħażna, għall-iskop ta' dan ir-Regolament;

Billi, taħt ċertu kondizzjonijiet, it-TAC prekawzjonali u kwoti għal ċertu ħażniet jistgħu jiġu riveduti 'l fuq matul is-sena b'periklu negliġibbli li jiġi mnawwar il-prinċipju ta' sfruttament responsabbli u razzjonali tar-riżorsi tal-baħar;

Billi huwa xieraq li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jittrasferixxu parti mill-kwoti tagħhom ta' ħażniet soġġetti għal TAC analitika minn sena għal oħra f'ċerti limiti;

Billi ħażniet oħra soġġetti jew għal TAC analitika jew prekawzjonali jistgħu jkunu magħrufa li qegħdin fi stat ta' sfruttament tali li żieda fil-TAC ma tkunx deżiderabbli;

Billi sajd żejjed mill-kwoti għandu jiġi penalizzat; billi dan jista' jinkiseb billi jiġu imposti riduzzjonijiet xierqa fil-kwota tas-sena ta' wara fuq l-Istat Membru risponsabbli għas-sajd żejjed; billi, b'mod konformi ma' l-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jwaqqaf sistema ta' kontroll applikabbli għal politika tas-sajd komuni <sup>(4)</sup>, il-Kunsill għandu jadotta regoli li permezz tagħhom il-Kummissjoni tista' topera tnaqqis mill-kwoti meta jkun sar sajd żejjed, billi jitqies il-grad ta' sajd żejjed, kull każ ta' sajd żejjed fis-sena ta' qabel u l-istat bijoloġiku tar-riżorsi involuti,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

1. TAC prekawzjonali għandhom japplikaw għal ħażniet li għalihom l-ebda valutazzjoni fuq bażi xjentifika ta' possibilitajiet ta' sajd mhi disponibbli għas-sena li fiha t-TAC jiġi ffissat; TAC analitiċi għandhom japplikaw għal każijiet l-oħra.

2. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, qabdiet permessi minn ħażna għandhom jikkonsistu, għall-Istat Membru in kwistjoni, fil-kwota allokata mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3760/92, kif modifikat permezz ta':

- it-tibdil magħmul fuq il-bażi ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 3760/92,
- il-kumpens maħsub mill-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93,
- il-kwantitajiet miżmuma fuq il-bażi ta' l-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament, u,
- it-tnaqqis maħsub mill-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 2*

Meta jiġu ffissati t-TAC skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 3760/92, il-Kunsill għandu jiddeċiedi:

- liema ħażniet huma soġġetti għal TAC prekawzjonali u liema ħażniet huma soġġetti għal TAC analitiku, fuq il-bażi ta' parir xjentifiku dwar il-ħażniet,

<sup>(1)</sup> ĠU C 382, tal-31.12.1994, p. 4.

<sup>(2)</sup> ĠU C 249, tal-25.9.1995, p. 84.

<sup>(3)</sup> ĠU L 389, tal-31.12.1992, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar permezz ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994.

<sup>(4)</sup> ĠU L 261, ta' l-20.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 2870/95 (ĠU L 301, ta' l-14.12.1995, p. 1).

- il-ħażniet li għalihom l-Artikoli 3 u 4 m'għandhomx japplikaw, fuq il-bażi ta' l-istat bijoloġiku tal-ħażniet u ta' l-impenji ma' pajjiżi terzi,
- il-ħażniet li għalihom ma jkunx japplika t-tnaqqis maħsub fl-Artikolu 5(2) għandhom japplikaw, fuq il-bażi ta' l-istat bijoloġiku.

#### L-Artikolu 3

1. Meta aktar minn 75 % tat-TAC prekawzjonali tiġi uttilizzata qabel il-31 ta' Ottubru tas-sena ta' l-applikazzjoni tagħha, Stat Membru bi kwota għall-ħażna li għaliha tkun ġiet ifissata t-TAC jista' jitlob żieda fit-TAC. Din it-talba, akkumpanjata bl-informazzjoni bijoloġika ta' appoġġ u indikazzjoni tal-kobor tar-reviżjoni, għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni, fi żmien 20 ġurnata tax-xogħol, għandha teżamina l-elementi kollha tat-talba bil-ħsieb li tippreżenta lill-Kunsill proposta għal emenda lir-Regolament li jiffissa TAC u kwoti jekk tinsab li hi ġustifikata. L-Istat Membru għandu jiġi mgħarraf bir-riżultati ta' l-eżami.

2. L-Istati Membri jistgħu jaqbdiet sa 5 % iktar mill-qabdiet permessi. Iżda, dawn il-qabdiet għandhom jitqiesu li jiskorru l-qabdiet permessi f'dak illi jirrigwarda it-tnaqqis maħsub fl-Artikolu 5.

3. Meta aktar minn 75 % tal-kwota ta' ħażna soġġetta għal TAC prekawzjonali tkun ġiet uttilizzata qabel il-31 ta' Ottubru tas-sena ta' l-applikazzjoni tagħha, l-Istat Membru li jkun ġie allokat din il-kwota jista' jitlob il-permess tal-Kummissjoni biex jaqbad kwantitajiet addizzjonali ta' ħut ta' l-istess ħażna billi jindika l-kwantità addizzjonali meħtieġa, din il-kwantità m'għandiex taqbeż l-10 % tal-kwota xierqa. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi

dwar dawn it-talbiet fi żmien 20 ġurnata tax-xogħol skond il-proċedura indikata fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93. Il-kwantitajiet addizzjonali mogħtija skond din il-proċedura għandhom jitqiesu li jiskorru l-qabdiet permessi għall-iskopijiet tat-tnaqqis maħsub fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

#### L-Artikolu 4

1. L-Artikolu 3(2) u (3) għandu japplika għall-ħażniet soġġetti għal TAC analitika.

2. Għal ħażniet soġġetti għal TAC analitika, ħliet għal daww imsemmijin fl-Artikolu 5(2), Stat Membru li għalih tkun ġiet allokata kwota rilevanti jista' jitlob lill-Kummissjoni, qabel il-31 ta' Ottubru tas-sena ta' l-applikazzjoni tal-kwota, biex iżomm 10 % tal-kwota tiegħu biex tiġi trasferita lis-sena li tmiss.

Il-Kummissjoni, skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, għandha żżid mal-kwota rilevanti l-kwantità miżmuma.

#### L-Artikolu 5

1. Ħliet għal ħażniet msemmijin fil-paragrafu 2, il-qabdiet kollha li jiskorru l-qabdiet permessi rispettivi għandhom jitnaqqsu mill-kwoti ta' l-istess ħażna tas-sena ta' wara.

2. Għall-ħażniet msemmijin fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 2, sajd iżjed mill-qabdiet permessi għandu jwassal għal tnaqqis mill-kwota korrispondenti tas-sena ta' wara skond l-iskeda li ġejja:

Is-sajd żejjed meta mqabbel mal-livelli permessi	It-Tnaqqis
L-ewwel 10 %	Sajd żejjed × 1,00
L- 10 % ta' wara sa 20 % f'total	Sajd żejjed × 1,10
L-20 % ta' wara sa 40 % f'total	Sajd żejjed × 1,20
Kull sajd żejjed iktar minn 40 %	Sajd żejjed × 1,40

Iżda, tnaqqis ekwivalenti għas-sajd żejjed × 1,00 għandu japplika f'kull każ ta' sajd żejjed relattiv ma' qabdiet permessi ekwivalenti għal, jew inqas minn, 100 tunnellata metrika.

3 % addizzjonali mill-kwantità li tinqabad iktar mill-qabdiet permessi għandha titnaqqas għal kull sena suċċessiva li fiha l-qabdiet permessi jinqabżu b'aktar minn 10 %.

3. It-tnaqqis jkun bla ħsara għall-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

*L-Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1997.

Iżda l-Artikolu 5 jkun japplika mill-1 ta' Jannar 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Mejju 1996.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. LOMBARDI

---